MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**LAURENCE QUINTANO**

Seduta tat-18 ta' Lulju, 2007

Numru 330/2005

**Il-Pulizija**
**(Spettur Mario Tonna)**

**versus**

**Carlo Marsala**
**Andrew Fabri**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni dedotta kontra konta Carlo Marsala ta' 30 sena mwieled Awstralja fl-20 ta' Frar 1975 iben il-mejjet Ernesto u Francis nee Mattocks residenti Carmen House Triq l-Oratorju Naxxar, jew The Hair Lounge, Triq il-21 ta' Settembru 1964 Naxxar, detentur ta' karta ta' l-identita' bin-numru ID149503(L)

U

Andrew Fabri ta’ 27 sena mwieled Pieta fit-30 ta’ Awissu 1978 iben Carmelo u Cettina nee Gauci residenti Elena Sister Street Paola, detentur ta’ karta ta’ l-identita’ bin-numru 461477M.

Akkuzati talli nhar is-27 ta’ Marzu 2005 ghall-habta tad-9.10am u f’hinijiet ohra matul l-istess gurnata gewwa l-ghassa tal-pulizija ta’ San Giljan, bil-qerq holqu jew gieghlu jidher li donnu kien hemm fatt jew cirkostanza sabiex dan il-fatt jew cirkostanza ikunu jistghu ‘l quddiem jiswew bi prova kontra persuna ohra, bil-hsieb li b’hekk din il-persuna tkun tista’ tigi kontra s-sewwa akkuzata jew misjuba hatja ta’ reat illi iddenunzjaw lill-Pulizija Ezekuttiva reat li jafu li ma sarx, inkella bil-qerq holqu tracci ta’ reat b’mod li jistghu jinbdew proceduri kriminali sabiex jizguraw li dak ir-reat kien sar u dan ai termini ta’ l-artikolu 110 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Il-Qorti rat l-atti kollha tal-proċess inkluż il-fedina penali ta’ Andrew Fabri u l-fedina penali ta’ Carlo Marsala, iċ-ċertifikat tat-twelid taż-żewġ imputati; il-kunsens ta’ l-Avukat Ġenerali sabiex dawn il-proċeduri jkunu sommarji; il-kunsens ta’ l-imputati biex dawn il-proċeduri jkunu sommarji kif wkoll it-tweġiba tagħhom li mhux ħatja; ir-ritratti meħudin tal-BMR bir-registration number ABL 202f’St. George’s Park San Ġiljan, Dok MM3 a fol 28; il-pakkett illi fih il-video recording kif wkoll il-verbal tat-2 ta’ Mejju 2007 a fol 51 li fih din il-kawża tħalliet għas-sentenza. Ma dan għandu jiżdied iż-żewg stqarrijiet ta’ l-imputat, dik ta’ Andrew Fabri a fol 20-23 u dik ta’ Carlo Marsala a fol 24 – 27.

Semgħet ix-xhieda bil-ġurament.

Semgħet it-trattazzjoni ta’ l-abbli prosekutur u ta’ l-abbli difensur.

Ikkonsidrat.

Illi l-atti kif rakkontati mill-ispettur Mario Tonna kienu dawn. Fis-27 ta' Marzu 2005 xid-9.00am Carlo Marsala u Andrew FAbri marru l-għassa ta' San Ġiljan u għamlu rapport li l-vettura ta' Carlo Marsala bin-numru tar-reġistrazzjoni ABL 202 tal-marka BMW mudell 318 kienet insterqet minn ġewwa parking ta' Pender Place li jinstab f'St. Andrew San Ġiljan. Huma qalu li kienu pparkjaw hemm hekk xis-1.30am. Il-vettura kienet imsakkra. Meta filgħodu mar biex ifittex il-karozza tiegħu, l-imputat kien informal ill-parker li kien hemm preżenti li l-karozza tiegħu kienet insterqet. Il-parker staqsieħ għall-parking ticket iżda l-imputat kien qal li kien tiflu matul il-lejl wara li kien mar jixrob.

Il-pulizija kienet marret fil-car park ta' Pender Place u kellmet lil Joseph Spiteri li nforma lill-pulizija li ftit tal-ħin qabel l-imputat Marsala qallu li l-karozza tiegħu ma kintix hemm hekk. Il-parker kien tah parir biex jagħmel rapport fl-għassa tal-pulizija.

Mill-indaġni tal-pulizija rriżulta li ċertu Mario Azzopardi li joqgħod ir-Rabat li matul il-lejl kien xogħol ġewwa dan il-car park u għal hekk il-pulizija kellmet lilu. Dan Mario Azzopardi ftakar li ż-żewġ imputati kienu daħlu bil-vettura ġewwa l-car park. Kien jiftakar għaliex il-karozza kienet BMW left hand drive. Mario Azzopardi kkonferma li l-vettura inħarġet minn ġewwa l-parking place mill-istess żewġ imputati matul sbieħ il-jum filgħodu u kienu ħarġuha huma stess mill-parking.

Is-sid is-sur Mario Bonniċi intalab illi jagħti l-video minn fejn kien jidher li għall-ħabta tas-7.35am Marsala u Fabri ħarġu mill-parking place bil-vettura in kwistjoni. L-ispettur bagħat għall-imputati u spjegalhom kollox. Iżda daqn baqgħu isostnu li l-vettura kienet misruqa u ma kienux jafu fejn hi. Marsala qal illi ma kienx saq il-vettura wara s-1.30am meta kien pparkjaha l-ewwel darba. Minkejja li qalulhom li hemm il-video ħerġin bil-karozza, baqgħu jgħidu li l-vettura kienet misruqa.

Matul il-ġurnata għal xis-2.30pm, il-pulizija sabu l-vettura ġewwa Paceville pparkjata ġewwa l-ġenb ta' Dragonara

Road ħdejn postijiet ta' divertiment. Carlo Marsala ttieħed biex jara l-vettura li nstabet intatta u imsakkra kif kien ħallieha s-Sur Marsala. Ittieħdu ritratti tal-vettura minn PC 94 Jack Farrugia tal-Forensika.

Fil-kontro eżami l-ispettur qal li wieħed mill-imputati kien qal li kien xorob ħafna. U kien qallu wkoll li ma setgħax jiftakar x'għamel u ma għamilx bil-karozza (fol 16). Il-karozza instabet ħdejn iz-Zanzie Bar mill-pulizija (fol 17).

L-istqarrija ta' Andrew Fabri

Andrew Fabri qal illi kien tela' ma Carlo Marsala bil-BMW ta' Carlo Marsala ġewwa Paceville. Kellhom persuna oħra magħhom iżda din kienet marret għal rasha. Huma marru għall-karozza fil-parking u l-parker kien qalilhom illi rahom ħerġin bil-karozza. Kienu marru għall-karozza fis-7.30am u reġgħu marru jargumentaw mal-parker fid-9.15am. Mistoqsi jekk jiftakarx illi kien għannaq lil Carlo Marsala fis-7.25am ħdejn il-parking u li Carlo kien tah il-biljett tal-parking lil wieħed mill-parkers, dan l-imputat qal li ma jiftakarx. Wara is-7.30am kienu marru n-Naxxar ġo bar ieħor. Huwa ma kellux idea li l-BMW kienu pparkjawha ġewwa Paceville quddiem il-Blackbull. Iċ-ċavetta tal-BMW iżommha Carlo Marsala. Mistoqsi dwar li l-video tal-car park kien juriehom ħerġin bil-BMW, dan l-imputat qal 'Ma nafx.' Huwa qal li ma kellu xejn x'jaħbi iżda kien imħawwad. Lanqas kien jiftakar illi huma kienu ħarġu bil-karozza. Huwa qal li ma kinitx l-intenzjoni tiegħu li jagħmel xi rapport falz, (fol 33).

Stqarrija ta' Carlo Marsala

Carlo Marsala qal illi kienu marru bil-BMW ABL 202 ġewwa Paceville u pparkjaw l-karozza fil-parking faċċata tal-venda tal-linja. Il-persuna l-oħra ma kinitx magħhom. Meta marru l-parking huwa qal li ma rax il-karozza u kellem lill-parker ix-xiħ. Wara l-imputat mar l-għassa jirraporta li serqulu l-karozza. Lanqas ftakar li kienu xis-7.30am x'ħin marru għall-karozza. Meta marru fid-9.15am jitkellmu mal-parker huwa mar biex jurih il-camera għax kien semgħu jgħid fuq it-telefon li rah ħiereġ biha u dan l-

imputat kien merieh għax ma ftakarx. Lanqas ftakar illi fis-7.25am kienu marru l-parking u tgħannqu flimkien u anke kien għannaq wieħed mill-parkers u tah il-biljett tal-parking. Dan kollu ma ftakrux. Effettivament kien mar għalihom persuna oħra bl-isem ta' Ġanni u marru n-Naxxar jixorbu. Huwa ma ftakarx li l-BMW kienu pparkjawha viċin l-Blackbull. Ikkonferma li ċ-ċavetta kien iżommha hu. Meta kien mistoqsi dwar il-fatt li l-video tal-car park kien juriehom ħerġin bil-BMW huwa wieġeb 'Nemmnek imma ma niftakarx.' Kienet l-idea tiegħu, jiġifieri ta' l-imputat Carlo Marsala li jagħmlu rapport l-għassa għaliex huwa s-sid tal-karozza. Huwa kien ħaseb li serqulu l-biljett għax ma sabux fil-but. Meta kien mistoqi għala baqa' jinsisiti illi nsterqet wara li l-ispettur qallu li rah ħiereġ biha mill-car park, huwa wieġeb 'Għax jiena ma stajtx niftakar.' Huwa qal li kieku ma nstabitx kien imur għand l-insurance. Il-BMW hija inxurjata third party fire and theft. Huwa għandu jagħti Lm1200 lit-tfajla li kellu u l-karozza hija assigurata fuq is-somma ta' Lm4800 jew Lm5000. Fl-aħħar huwa qal, jekk jiena għamilt rapport li l-karozza hija misruqa, għamilt żball għax ma niftakar xejn li ħadtha minn dan il-parking. Xahar u nofs qabel l-imputat kien għamel ir-rimmijiet u anke l-ispray u ħallas minn butu. Fl-aħħar nett huwa qal 'Ma għandix għalfejn nagħmel xi ħaġa falza, imam għax ma niftakarx.'

Xehed Mario Azzopardi illi kien il-car park attendant fis-27 ta' Marzu 2005. Huwa qal li ra lis-sinjur ħiereġ bil-karozza BMW u filgħodu ħareġ biha. Is-sinjur li qed jirreferi għalih huwa Carlo Marsala u l-karozza kienet BMW. Meta kien mar ikellmu l-imputat huwa qallu li rah ħiereġ.

Xhieda oħra kienet ta' Joseph Spiteri illi qal li l-imputat Carlo Marsala kien mar ikellmu dwar il-karozza. Dan ix-xhud qallu li ma setgħax ikun isiblu l-karozza għax ma setgħax jiċċaqlaq minn fuq il-post. Dak inhar kienu talbuh joħroġ minn wrong side minħabba li kellhom collission in-naħa l-oħra.

Xhud iehor kien Martin Micallef li qalli illi kien daħal Carlo Marsala u sablu post u imbgħad ħareġ. Imbgħad ġie lura u tah il-biljett u ħaregġ, (fol 46). Dan ix-xhud spjega li biex

joħorġu jridu jgħaddu fejn il-kaxxa biex jagħtuni l-biljett biex indaħħlu ġol-magna u togħla l-lasta. Fil-ħruġ kien hemm accident, ħabtu u ħareġ wrong way. Kienu ħarġuh huma wrong way u tah il-biljett. Kien hemm persuna oħra miegħu żgur. Pero ma kienx ċert min kienet din il-persuna.

Konsiderazzjonijiet tal-Qorti.

Konsiderazzjonijiet legali.

L-artikolu 110 tal-Kap 9 huwa maqsum fi tnejn. L-ewwel parti għandha x'taqsam mal-ħolqien ta' provi foloz. Dwar din l-ewwel parti, il-Profs Mamo a fol 58 tan-Notes on Criminal Law, Part 2 jgħid 'The constituent elements of this crime are the following: the material element consists in fabricating, that is, as the law says, falsely causing any fact to exist or appear to exist which may be used as evidence of a criminal offence against an innocent person. The intentional element consists in the intent of the part of the agent to appear that that person be <u>unjustly</u> convicted of or charged with the offence. If these two elements occur, the crime subsists, even though the person against whom the evidence was fabricated, may not have been, as a point of fact, convicted or even charged.'

It-tieni parti ta' l-Artikolu 110 hija dwar is-simulazzjoni ta' offiza. Fis-simulazzjoni ta' offiża, skond kif jgħid il-Profs Mamo a fol 59 tal-Criminal Law Notes Part 2, 'There is no specific accusation against any determined person and there is not therefore the intent to cause an innocent person to be unjustly convicted or charged. This crime presupposes the inexistence of the material act.'

'The simulation may be either verbal or direct or real or indirect. The verbal or indirect must consist in a denunciation, that is an information as a form complaint to the executive police: and the crime is completed by the presentation of such information, report or complaint so that the subsequent confession of the untruth will not avail to excluded.'

L-istess Profs jgħid, ‘The specific malice of this crime consists in the intent to deceit or mislead justice by denouncing or making appear an offence which is known not to have been committed and not in the intent to harm, directly by the civil agent, any other person.’

L-imputazzjonijiet tkopri kemm l-ewwel kif wkoll it-tieni parti ta’ dan l-artikolu. Dwar l-ewwel parti, jidher li hemm neqsin ta’ l-inqas żewġ elementi. L-ewwel nett, iċ-ċirkustanza trid tkun inħolqot b’mod frawdelenti. It-tieni ħaġa, l-intenzjoni tkun biex persuna tiġi akkużata meta hija innoċenti. Mill-eżami ta’ l-istqarrijiet li għamlet il-Qorti, kif wkoll minn dak li semgħet jidher illi l-imputati marru jirrappurtaw l-allegat serq tal-karozza ta’ Carlo Marsala. Effettivament din il-karozza instabet ġewwa Paceville stess. Jidher anke mill-istqarrijiet illi ż-żewġ persuni imputati kienu xorbu ħafna matul il-lejl, tant illi jidhru li marru għall-karozza madwar is-7.30am jew ftit qabel. Minn dawn il-fatti diffiċlil tgħid illi kien hemm xi intenzjoni li tkun akkużata xi persuni kif wkoll illi l-imputat kienu qed jirrakkuntaw dawn il-fatti b’qerq. Jidher li kienu taħt influwenza tax-xorb qawwi u li ma ftakrux fejn eżattament kienu pparkjaw il-karozza meta ħarġuha minn Pender Place Parking u ħaduha f’post ieħor biex marru komplew jixobru.

Dwar it-tieni paragrafu ta’ l-istess Artikolu, il-kelma importanti f’dan l-Artikolu hija l-kelma ‘knowing’ jiġifieri li wieħed ikun jaf illi r-reat ma seħħx. Fil-fatt hawn hekk l-intenzjoni hija speċifika u mhix ġenerali għax hija l-intenzjoni li tqarraq bil-ġustizzja jew bil-kors tal-ġustizzja. Ma jidhirx illi ż-żewġ imputati kellhom din l-intenzjoni.

Konklużjoni.

Il-Qorti wara li rat l-Artikolu 110(1) u (2) tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta’ Malta qed tilliberahom mill-imputazzjoni dedotta kontra tagħhom u qed tiddikjara li mhix issibhom ħatja.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------